**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tal-31 ta' Jannar 2019**

**AVVIZ NRU. 127/2018**

**S.I.T. SWIMPOOL INNOVATION TECHNOLOGIES LTD (C0874)**

**VS**

**HSJ LIMITED (C 80817)**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' HSJ Limited tal-21 ta' Novembru 2018;

Rat id-digriet taghha.

Rat ir-risposta ta' S.I.T. Swimpool Innovation Technologies Limited tas-27 ta' Novembru 2018;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fir-rigward il-mertu ta' dan ir-rikors;

Rat li din il-kawza giet differita ghal provvediment;

**Ikkunsidrat:**

Dan il-provvediment jitratta talba ghal soprasessjoni tal-kawza odjerna sabiex din terga' tiehu l-kors taghha wara li tigi deciza l-kawza pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet HSJ Limited vs S.I.T. Swimpool Innovation Technologies Limited (Rikors Guramentat Nru 265/2018).

Huwa pacifiku fil-gurispudenza li s-soprasessjoni ghandha tigi dekretata meta din tkun spedjenti, fis-sens li l-kwistjoni nvoluta fil-kawza pendenti quddiem Qorti ohra tista' tinfluwixxi fuq il-mertu ta' l-azzjoni prezenti (ara f'dan is-sens **George Cassar vs Francis Xuereb** Appell Civili 12.03.1973; u **Francesco Galea vs Pawlu Galea** Appell Sede Inferjuri 23.04.1955).

Ghalhekk is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra (**Joseph Degaetano vs Avv Louis Galea** Appell Civili 05.10.1981):
*"Is-soprasessjoni hemm lok għaliha meta l-eżitu tal-kawża li tiġi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-eżitu ta' kawża oħra, u għalhekk ma jistax ikun hemm lok għas-soprasessjoni jekk ma teżistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalità ta' din id-dipendenza".*

Is-soprasessjoni ghalhekk hija ndikata f'dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghall soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta (**Joseph Azzopardi vs Victor Critien** Qorti Civili Prim Awla 12.04.1962).

Huwa ben stabbilit ukoll li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li l-Qorti ghandha tirrikorri ghalih biss meta tinqala kwistjoni li d-decizjoni taghha tista' tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza u fl-istess hin ma tistax tigi ezaminata fl-istess kawza jew ikun spedjenti li tigi ezaminata f'kawza ohra separata. (Ara f'dan is-sens **Joseph Gaffarena vs Mixer Concrete Works Limited** Qorti Civili Prim Awla 27.05.05; u **Carmelo Calamatta vs Mario Darmenia** Appell Sede Inferjuri 12.11.03; **Joseph Camilleri vs Joseph Vassallo Gatt** Qorti Civili Prim Awla 23.05.1997; u **Angelo Mallia vs David Mallia** Qorti Civili Prim Awla 31.05.2004). In fatti, il-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti. (Kollez Vol XXXIX.I.467 ; Appell Civili – "**Cassar vs Xuereb"** – 12 ta` Marzu 1973). L-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita`.

Illi din il-Qorti tabbraccja l-principju li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (Kollez Vol XLI.I.507 ; u Qorti Kostituzzjonali – "**Cuschieri vs Onor Prim` Ministru**" – 12 ta` Awissu 1994).

L-għoti tas-soprasessjoni huwa għal kollox fid-diskrezzjoni tal-qorti (Kollez. Vol XXXII.II.197). L-eserċizzju ta' diskrezzjoni mill-ġudikant tiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari u speċjali ta' kull każ (ara – Appell Ċivili – **Grech noe vs Buttigieg et noe** – 26 ta' Marzu 1984).

Fil-kawża fl-ismijiet **Dottor Alfred Mifsud vs Onorevoli Prim Ministru** deċiża (QK) fl-20 ta' Lulju, 1994. Intqal li:

*"Is-soprassessjoni hija, minnha nnifisha miżura eċċezzjonalissima għaliex tiffrena l-andament normali ta' kawża b'mod billi twaqqaf għalhekk dik l-ispeditezza li tesiġi l-ġustizzja biex kull kawża tinqata' fi żmien raġonevoli".*

Il-qorti m'għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-oħra tkun sejra tbati preġudizzju. (**Amber Properties Limited (C-28781) vs. Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited (C-43884) et** PA 25 ta' Marzu 2013).

**Ikkunsidrat:**

L-avviz odjern jitratta talba ghal hlas ta' EUR 10,885 (VAT inkluz) ghal diversi xogholijiet ta' installazzjoni u materjal fornit lil HSJ Limited mis-socjeta' S.I.T. Swimpool Innovation Technologies Ltd, flimkien ma' talba ghal hlas ta' l-ispejjez u imghax sad-data tal-hlas effettiv. Fl-avviz odjern, is-socjeta' rikorrenti ppremettiet illi dawn ix-xogholijiet li ghalihom qed tirreklama l-hlas saru skont is-sengha u l-arti u l-istruzzjonijiet moghtija minn HSJ Limited.

Fir-risposta maghmula minn HSJ Limited ghal din il-kawza odjerna, gie eccepiet fost ohrajn illi s-socjeta' attrici kisret il-ftehim ta' bejn il-partijiet billi ma lestietx ix-xogholijiet li kienet obbligata li taghmel fil-fond tas-socjeta' konvenuta entru t-terminu stipulat u kif ukoll illi x-xoghol mwettaq mis-socjeta' attrici qabel ma' abbandunat il-lant tax-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti tant li kkawza hsarat rimedjali u danni sostanzjali lis-socjeta' konvenuta.

Il-Qorti sejra issa tezamina l-kawza bin-numru 265/2018 pprezentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Hija taghmilha cara li minkejja li fl-atti tal-kawza odjerna, saret biss referenza ghal tali kawza minghajr ma' gew ezebiti vera kopja tar-rikors guramentat u tar-risposta guramentata, il-gurisprudenza nostrana taghmilha cara li trattasi ta' atti gjacenti fir-Registru tal-Qorti, il-qorti ghandha l-mezzi ghad-disposizzjoni taghha li tivverfika l-atti riferiti. (Vide f' dan is-sens **Alponse Maria Vella et vs Carmelo Mallia** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Lulju 1994; **Negte Giuseppe C. Degiorgio et vs Carmelo Asciak** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-3 ta' Ottubru 1927 u **Korporazzjoni Enemalta v. V & C Contractors Ltd** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fit-22 ta' Jannar 2010).

Il-kawza bin-numru 265/2018 giet istitwita fit-22 ta' Marzu 2018, ftit aktar minn xahrejn qabel il-prezentata ta' din il-kawza odjerna. Fiha s-socjeta' HSJ Limited qed titlob illi l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili:

i. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata naqset milli thares il-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' appalt bejn il-partijiet datat it-18 ta' Dicembru 2018 kif ukoll il-ftehim sussegwenti dwar l-installazzjoni tas-sistemi ta' plumbing u elettriku skont il-quotation datata 2 ta' Jannar 2018;

ii. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata hija responsabbli ghall-hsarat, id-danni u l-pregudizzju ekonomiku mgarrab mis-socjeta' rikorrenti b' konsegwenza tal-eghmil tas-socjeta' intimata;
iii. Tillikwida l-hsarat, id-danni u l-pregudizzju ekonomiku mgarrab mis-socjeta' rikorrenti minhallba tali eghmil tas-socjeta' intimata, okkorrendo bl-opera ta' perit/I nominandi.
iv. Tikkundanna u tordna lis-socjeta' intimate sabiex thallas il-hsarat, id-danni u l-pregudizzju ekonomiku hekk likwidati lis-socjeta' rikorrenti.

Fil-premessi ta' dik il-kawza, HSJ Limited ippremettiet li s-socjeta' S.I.T. Swimpool Innovation Technologies Limited kienet qed taghmel ix-xogholijiet b'ritmu hafna aktar bil-mod minn dak li gie miftiehem; illi f' certu punt abbandunat l-appalt u li wara li HSJ Limited inkarigat terzi biex ikomplu u jlestu x-xoghol, irrizulta li x-xogholijiet maghmula minn S.I.T. Swimpool Innovation Technologies Limited ma kinux saru skont is-sengha u l-arti.

Is-socjeta' S.I.T. Swimpool Innovation Technologies Ltd irrispondiet ghal dik il-kawza billi qalet li hija ghamlet xogholijiet skont kuntratt ta' appalt li gie modifikat sostanzjalment minn HSJ Limited u li t-twettiq tieghu gie mxekkel mill-istess HSJ Limited. In oltre, cahdet li arrekat xi dannu lil HSJ Limited u li kienet l-istess HSJ Limited li arrekat danni lilha meta din ma hallsithiex ghax-xogholijiet imwettqa minnha.

Il-kontestazzjoni f' dan l-istadju hija li skont is-socjeta' konvenuta HSJ Limited, l-ewwel ghandha tigi deciza l-kawza pedenti quddiem il-Prim Awla ghax din tista' tinfluwixxi l-ezitu tal-proceduri odjerni.

Il-Qorti tqis illi l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili jista' jinfluwixxi fuq il-mertu ta' din il-kawża u jista' jincidi fuq il-mertu tat-talbiet tal-kawza odjerna. Tezisti dipendenza jew almenu l-potenzjalita' ta' din id-dipendenza mal-kawza l-ohra. Dana jirrizulta minn qari ta' din il-kawza u l-eccezzjonijiet imqajjma kif ukoll minn qari tal-kawza pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u mir-risposta hemm maghmula. Għalhekk huwa espedjenti u neċessarju fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja illi din il-kawża tistenna l-eżitu tal-kawża fl-ismijiet HSJ Limited vs S.I.T. Swimpool Innovation Technologies Limited (Rik Gur Nru 265/2018).

Għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tas-soċjetà konvenuta HSJ Limited, tordna s-soprasessjoni (sospensjoni) ta' din il-kawża, u konsegwentement tħalli l-kawża *sine die*, riappuntabbli skont il-proviżo għall-Artikolu 964(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ssir talba minn xi waħda mill-partijiet permezz ta' rikors sa żmien perentorju ta' ħmistax-il jum mid-data li fiha l-kawża fl-ismijiet **HSJ Limited vs S.I.T. Swimpool Innovation Technologies Limited** (Rik Gur Nru 265/2018). tkun għaddiet in ġudikat.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Dr Simone Grech LL. D.**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**